**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2673**

Kaz Nru: 3558/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Aldo Briffa (ID No: 304062M)

u

Malta Freeport Terminals Limited

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Illum il-Hamis l-1 t'Ottubru, 2020**

**Rikors Promotur u Dikjarazzjoni tal-Kaz – fil-qosor**

It-Tribunal ircieva rikors tas-Sur Aldo Briffa nhar it-8 ta' Gunju, 2017.

Skont ir-rikors, fit-12 ta' Jannar 2017 ir-Rikorrent inqabad joghnos fuq il-post tax-xoghol. Sitt ijiem wara, *Consultant Respiratory Physician* (*CRP*) iccertifikah illi jsofri minn *obstructive sleep apnea* (*osa*) qawwija li kienet il-kagun tan-naghas li r-Rikorrent jaqbdu meta jkun qieghed/mhux attiv[1].

Ic-certifikat iddikjara wkoll illi l-kundizzjoni hija riversibbli kompletament u li fi ftit gimghat ir-Rikorrent kellu jarga' ghan-normal.

Il-Malta Freeport Terminals Limited (MFTL) ma haditx ic-certifikat tas-*CRP* bis-serjeta`, u fil-11 ta' Frar 2017 is-Socjeta` ntimata temmet l-impieg tar-Rikorrent ghal ragunijiet ta' dixxiplina[2].

Peress illi r-Rikorrent kien joghnos minghajr ma ried u *stante* li dan kien fatt maghruf mill-MFTL qabel ma din temmietlu l-impjieg, ir-Rikorrent jitlob lit-Tribunal (a) jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet ingusta u (b) jaghti l-provvedimenti kollha opportuni *ai termini* tal-Ligi, inkluz illi r-Rikorrent jigi re-integrat fl-impieg u jithallas kumpens gust.

[1] Dokument A tas-Sur Briffa
[2] Dok. C tar-Rikorrent

**Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-MFTL – fil-qosor**

Fl-ahhar erba' snin tal-impjieg tar-Rikorrent mas-Socjeta` ir-*record* industrijali tieghu mar ghall-aghar. Fost mankanzi ohra, ghamel zball gravi f'xogholu, ma mpenjax ruhu f' xogholu, kien traskurat b'mod gravi, negligenti, instab rieqed fuq il-post tax-xoghol[3], l-attitudni tieghu ma kenitx accettabbli ghas-Socjeta`, u kien inkorreggibbli. Ghalhekk tkecca mill-impjieg.

Is-Socjeta` ntimata urietu kif kellu jezegwixxi xogholu, u anki, fuq talba tar-Rikorrent innifsu, ittrasferietu ghal dipartiment iehor.

L-allegata kundizzjoni medika tar-Rikorrent ma kellhiex x'taqsam mal-izbalji gravi li wettaq.

Ir-Rikorrent qatt ma gharraf lis-Socjeta` bl-allegata kundizzjoni tieghu hlief waqt is-smiegh tal-kaz mill-*Board* tad-Dixxiplina.

Il-*Board* tal-Appell tas-Socjeta` ikkonferma d-decizjoni tat-tkeccija li kienet ittiehdet mill-*Board* ta' Dixxiplina.

It-terminazzjoni tal-impjieg tar-Rikorrent kienet gusta, u hu ma ghandux jerga' jidhol jahdem mas-Socjeta`.

Ghaldaqstant it-talba tar-Rikorrent ghandha tigi michuda.

**Kunsiderazzjonijiet**

1. Ir-Rikorrent ta kwazi sebgha u ghoxrin sena servizz lis-Socjeta`[4].

1.1. Dahal bhala *Operations Clerk*.

1.2. Hames xhur wara mexa ghal Clerk II fl-*Administration Department*.

1.3. Mill-2014 inhargulu erbatax -ilrapport dixxiplinarju dwar fost l-ohrajn, illi pperikola li jkun kommess pregudizzju mal-fornituri, inefficjenza bil-konsegwenza li *Purchase Order* urgenti ma pprocessahiex, l-fornituri heddew lis-Socjeta` li kienu se jiehdu passi jekk jibqa' jkun hemm dewmien fil-hlas dovut lilhom, nuqqas ta' diligenza, xoghol li ma kienx skond l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu, nuqqas serju ta' rispett lejn is-superjur tieghu, rifjut illi jmur ghand is-superjur tieghu biex jurih x'ghandu jaghmel biex ihaffef il-process tar-Requests For Quotations, zgwida u gideb lil superjur tieghu, ikkawza dewmien f'xoghol ta' stallazzjoni fir-*Terminals*, kien qed jonqos milli jirregistra l-hinijiet illi fihom ikun wasal u telaq mix-xoghol, u li kien qed jasal tard ghax-xoghol, attitudni negattiva lejn ix-xoghol u s-Socjeta`.[5]

1.4. Dan baqa' sejjer sa Frar 2015 meta r-Rikorrent kien akkuzat b'attitudni negattiva lejn ix-xoghol u l-Kumpanija, illi zgwida u gideb lill-IT Manager tas-Socjeta`, u li kkawza dewmien f'xoghol ta' stallazzjoni fit-*Terminals*.

---

[3] Dok. A tal-MFTL

[4] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2018

[5] Dok. A tas-Socjeta`.

1.5. Minflok tressaq quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina s-Socjeta` accettat illi tittrasferixxi lir-Rikorrent mill-*Administration Dept* ghar-*Reception*.[6]

1.6. F'Ottubru 2015, fuq talba tar-Rikorrent biex jinghata, " xoghol adattat kemm ghall-livell ta' edukazzjoni li ghandi, u wisq aktar ghall-esperjenza li ghandi f'dak illi hu xoghol amministrattiv" minhabba wkoll illi spjega li postu fir-*Reception* kienet, "sitwazzjoni mill-aktar ta' dwejjaq, frustrazzjoni, ansjeta` u tqanqil ta' biza' li din l-istess sitwazzjoni tista' eventwalment tkun ta' detriment ghal sahhti"[7] huwa kien ittrasferit ghall-*HR Dept*.

2. Kunsiderazzjoni 1 turi:

2.1. kif mill-*Operations Dept*, id-dipartiment illi gie ngaggat fih meta gie mpjegat mis-Socjeta`, inghaqad mal-*HR Dept*, id-dipartiment li kien qed jahdem fih meta tkecca;

2.2. kif u kemm kienu ilhom illi bdew jingemghu l-problemi li r-Rikorrent kellu fuq ix-xoghol u kwindi jekk setax kien hemm konnessjoni mal-kundizzjoni medika li fuqha nbena r-Rikors tal-Kaz odjern; u

2.3. jekk u sa fejn is-Socjeta` kienet akkomodanti *vis a vis* ir-Rikorrent, u jekk kenitx titrazzan sew qabel ma tohrog mizura dixxiplinarja fil-konfront tieghu.

3. Ir-*record* industrijali/dixxiplinarju tar-Rikorrent:

biex izomm strettament mal-Ftehim Kollettiv, fejn ighid illi twissijiet verbali kellhom jibqghu kkunsidrati sa sitt xhur filwaqt illi twissijiet bil-miktub, sa sena[8], it-Tribunal jikkunsidra biss it-twissijiet mill-1 ta' Marzu 2016; it-termini ta' sitt xhur u sena ma japplikawx ghar-rapporti dixxiplinarji[9] u ghalhekk Kunsiderazzjoni 1.3 bdiet mill-2014:

3.1. nhar il-1 ta' Marzu 2016, wara li r-Rikorrent kien ilu sitt xhur jahdem fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani, id-Direttur tar-Rizorsi Umani tas-Socjeta`, l-Avukat Duncan Borg Myatt, gharrfu li minkejja li ngibdet l-attenzjoni tar-Rikorrent bosta drabi, il-*performance* tar-Rikorrent kienet 'il boghod mill-livell mistenni u ghalhekk is-Socjeta` kienet qed taghti lir-Rikorrent tlett xhur biex ir-Rikorrent itejjeb il-*performance* f'xogholu, u li fin-nuqqas ta' dan kienu se jittiehdu passi ohra;

3.2. fl-20 ta' Lulju 2016 ir-Rikorrent inqabad barra minn daru meta skont ic-certifikat tal-mard tieghu huwa kellu jibqa' gewwa; minflok ma deher quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina tas-Socjeta` huwa nghata erbatax -il gurnata sospensjoni mix-xoghol b'nofs paga u tnax -il gurnata bla hlas, kif ukoll twissija finali bil-miktub li permezz taghha kien imgharraf illi jekk kien ikollu kaz dixxiplinarju iehor fi zmien sena l-*Management* tas-Socjeta` jitlob lill-*Board* ta' Dixxiplina taghha ghat-tmiem tal-impjieg tar-Rikorrent;[10]

---

[6] Dok. C tas-Socjeta`.
[7] Ibid.
[8] Pagna 21 tad-Dok. A25 tas-Socjeta`, liema kumment is-Socjeta` ma nnegatux.
[9] Pagna 2 tad-Dok. A25 tas-Socjeta, liema kumment ir-Rikorrent ma nnegahx.
[10] Dok. A22 tas-Socjeta`

3.3. f'Ottubru, wara sena fl-HR Dept, rega' inghata tlett xhur zmien li matulhom ir-Rikorrent kien mistenni li jilhaq il-*performance* necessarja inkella kienu se jittiehdu passi dixxiplinarji li setghu jispiccaw fi tkeccija, u dan minhabba li:

3.3.1. s-Socjeta` ma kenitx se taccetta li shab ir-Rikorrent, fuq ix-xoghol, igorru l-piz tieghu minhabba l-agir tieghu;

3.3.2. ma zammx il-weghda tieghu li jnehhi l-*backlog* tax-xoghol tieghu, u dan minkejja li nghata gimghatejn btala peress illi wieghed illi jnehhi l-*backlog*;

3.3.3. baqa' bl-ghadd kbir ta' zbalji li kien qed jiehu meta jdahhal ic-cifri gol-*computer*, u jhalli barra cifri li suppost dahhal fir-registrazzjoni tal-attendenza u z-zamma tal-hin tal-impjegati, u dan minkejja li kellu mezz kif jirrikoncilja c-cifri biex jassigura li l-izbalji jkunu eliminati;[11]

3.4. lejn il-gheluq tat-tlett xhur (Dicembru 2016) saret *review* tal-*performance* tax-xoghol tar-Rikorrent li kkonkludiet illi minkejja li matul l-istess tlett xhur ingibditlu l-attenzjoni mis-superjur tieghu erba' darbiet ghax-xoghol hazin tieghu, li wkoll spjegatlu l-effetti li kienu qed jirrizultaw minhabba li huwa jhalli x-xoghol lura, xorta rrizulta li, biex ma jkunx hemm dewmien fil-process tal-*inputting*, is-superjuri tieghu spiccaw jaghmlu bicca minn xogholu huma[12]; xogholu seta' jsir fi tlett sighat, li ghalihom huwa kien imhallas tminn sighat;[13] il-konkluzjoni tar-*review*, li saret lejn l-ahhar ta' Dicembru 2016 kienet illi l-*performance* tar-Rikorrent kienet inaccettabbli; u

3.5. f'Jannar 2017 instab rieqed fuq il-post tax-xoghol.

4. Is-Socjeta` kecciet lir-Rikorrent ghaliex:

4.1. kien rieqed fuq il-post tax-xoghol waqt il-hin tax-xoghol;

4.2. kien negligenti, kellu nuqqas ta' mpenn, u kien traskurat gravament fil-qadi ta' dmirijietu; u

4.3. holoq impatt negattiv fuq id-Dipartiment fejn kien jahdem.[14]

5. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-akkuzi fil-Kunsiderazzjoni 4 huma ppruvati.[15]

6. Ir-Rikorrent immotiva l-Kaz tieghu mat-Tribunal fuq illi l-akkuzi li rrizultaw fit-tkeccija kienu kkawzati mill-kundizzjoni medika tieghu, u li s-Socjeta` ma haditx ic-certifikat tal-ispecjalista bis-serjeta`[16].

7. Harsa lejn ir-*record* industrijali tar-Rikorrent turi li Kunsiderazzjoni 3.2 ma kellhiex x'taqsam mal-*osa*, izda skond ic-certifikat tal-ispecjalista Kunsiderazzjonijiet 3.1, 3.3, u 3.4 kellhom.

8. Ir-Rikorrent inghata l-ahhar twissija bil-miktub u sospensjoni mix-xoghol (Awissu 2016). Imbaghad is-Socjeta` stabbiliet illi l-*performance* tar-Rikorrent

---

[11] Dok. A23 tas-Socjeta`

[12] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 t'Ottubru 2017

[13] Dok. K tas-Socjeta`

[14] Dok. A25 tas-Socjeta`. Dawn kienu l-akkuzi ttrattati mill-*Board* tad-Dixxiplina tas-Socjeta` li ddecieda li l-akkuzi kienu ppruvati u ssostanzjati u li r-Rikorrent kellu jitkecca (Dok.26). Il-*Board* tal-Appell tas-Socjeta` cahad l-appell u kkonferma d-decizjoni tal-Board tad-Dixxiplina (Dok. A29).

[15] Dok. A5 sa A8, A10 sa A15, A18 sa A25 tas-Socjeta` jinkludu xiehda ezawrjenti.

[16] Rikors promotur, u pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Frar 2020

fl-ahhar sena tax-xoghol tieghu kienet hazina. Dal-*assessment* tal-*performance* tar-Rikorrent kif ukoll l-incident ta' Jannar 2017 meta nqabad rieqed waqt il-hin tax-xoghol ikkontribwixxa hafna ghad-decizjoni li r-Rikorrent jitressaq quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina ghal decizjoni dwar il-gejjieni tieghu mas-Socjeta`. S'hemmhekk is-Socjeta` kellha ragun.

9. S'hemmhekk is-Socjeta` la kienet taf bil-kundizzjoni medika tieghu u anqas u anqas bl-istadji tal-aggravar tal-kundizzjoni. Saret taf permezz tal-*Board* tad-Dixxiplina waqt illi dan kien qed jisma' l-kaz imressaq mill-Management.
10. F'cirkostanzi normali l-agir tar-Rikorrent kien ikun jiggustifika tkeccija. Izda l-*Board* tad-Dixxiplina kellu c-certifikat tal-ispecjalista f'idejh li jghid illi r-Rikorrent kien qed ibati minn *osa* gravi u seta' japprezza li wiehed mill-effetti komuni ta' dil-kundizzjoni kien in-nuqqas ta' attenzjoni.[17] U dan seta' jispjega n-nuqqas ta' diligenza li r-Rikorrent kien juri f'xogholu.
11. Anki l-personalita` hija affettwata hazin mill-*osa*.[18] Dan jista' jispjega l-attitudni ta' *laid back* u n-nuqqas ta' mpenn da parti tar-Rikorrent.
12. La l-*Board* tad-Dixxiplina sar jaf b'kundizzjoni medika qawwija li kien qed ibati minnha r-Rikorrent u li dan kien iccertifikat illi l-kundizzjoni tieghu kienet ghal kollox riversibbli u li bi trattament kontinwu r-Rikorrent kellu jigi ghan-normal fi ftit gimghat, is-Socjeta` kellha taghti cans ta' dawk il-ftit gimghat ta' trattament, skond ic-certifikat tas-*CRP*[19], u mbaghad taghti l-opportunita` lir-Rikorrent illi jahdem f'kundizzjoni ta' sahha ahjar halli tkejjel il-*performance* tar-Rikorrent fuq ix-xoghol meta huwa ma jkunx taht l-influwenza severa tal-*osa*. B'hekk is-Socjeta` kienet tkun tista' tistabilixxi bl-aktar kundizzjoni gusta jekk ir-Rikorrent kienx jibqa' tajjeb ghax-xoghol li s-Socjeta` kellha ghalih.
13. Il-*Board* tad-Dixxiplina ma dahalx fil-fond biex jifhem il-kontenut tac-certifikat tas-*CPR*:

13.1. il-*Board* ikkonkluda li, "l-fatt li nhareg ic-certifikat ifisser li r-Rikorrent htieglu jaghmel testijiet; jekk saru, ir-Rikorrent naqas li jinforma lill-Kumpanija li kellu din il-kundizzjoni jew li ghamel xi testijiet, lanqas ma semmihom fix-xiehda tieghu";[20] kieku l-*Board* investiga sewwa kien isib illi r-Rikorrent sar jaf bil-kundizzjoni medika tieghu lejlet is-seduta tal-*Board*, u ma ghamel l-ebda test qabel; l-ispecjalista kkonkluda illi r-Rikorrent kien ibati minn *osa* wara ezami ta' saghtejn[21] illi sar lejlet is-seduta tal-Board;[22]

13.2. is-Socjeta qalet illi t-tabib taghha ma qabilx mad-dijanjosi tal-ispecjalista[23], izda meta l-Avukat tar-Rikorrent saqsiet lill-istess tabib jekk b'xi mod huwa

[17] *Cognitive Dysfunction in Sleep-Related Breathing Disorders: A Meta-Analysis – S. Fulda, H. Schulz* (2003)
[18] *"Testing predictions from personality neuroscience. Brain structure and the big five". DeYoung CG, Hirsh JB, Shane MS, Papademetris X, Rajeevan N, Gray JR (June* 2010*). Psychological Science.* **21** (6): 820–8.
[19] Dok. A tar-Rikorrent
[20] Dok. C tar-Rikorrent
[21] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-14 ta' Frar 2019
[22] Pagna 1 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Novembru 201900
[23] Pagni 1, u 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Frar 2020

kkontradixxiex ic-certifikat tal-ispecjalista, huwa xehed, "No, no, absolutely not";[24]

13.3. ic-certifikat ighid illi s-sonnolenza tigi meta r-Rikorrent ikun "*at rest/not active*"; il-*Board* fehem illi r-Rikorrent seta' jevita s-sonnolenza billi jzomm ruhu attiv u ma jintelaqx; ghat-Tribunal dil-interpretazzjoni ghamlet sens f'dak illi kien jirrigwardja l-*filing*, jigifieri s-sonnolenza ma kenitx tiggustifika l-*backlog* tal-*filing* (ara Kunsiderazzjoni 14);

13.4. it-taghrif li l-*Board* tad-Dixxiplina gab minghand it-tabib tas-Socjeta` kien illi l-*osa* tinfexx waqt l-irqad u mhux traqqad;[25]izda kieku l-*Board* talab ghal taghrif komplet minghand it-tabib tas-Socjeta` kien isir jaf dak illi dwaru xehed l-istess tabib, Dr Pierre Chircop, lit-Tribunal, u cioe` illi, "f'kazijiet illi jdumu jgebbdu jibda anki ma jikkoncentrax matul il-gurnata; l-*output* tax-xoghol tibda tonqos u anki jibda jorqod; ighajja u jorqod";[26]

13.5. ghat-Tribunal huwa car illi l-offerta tal-ispecjalista lis-Socjeta` biex it-tabib tas-Socjeta` jiddiskuti l-qaghda medika tar-Rikorrent ma ttehditx u dan irrizulta f'dik illi t-Tribunal iqis bhala mizinterpretazzjoni mill-*Board* tad-Dixxiplina tac-certifikat tal-ispecjalista; kieku ntlaqghet l-offerta, is-*CPR* kien jikkonferma li l-kundizzjoni li kien ibati minnha r-Rikorrent kienet tikkawza li, " … matul il-gurnata jibda joghnos malli jsib ruhu kwiet. Dik hija l-kundizzjoni (tal-*osa*). Allura x'hin ikun bilqieghda, per ezempju, *at the desk* … jibda jorqod….[27] U anki hemm sintomi ohrajn …. Per ezempju, li jhossu ghajjien, ma jikkoncentrax, jista' jkun anki li l-*performance* fix-xoghol taqa' ghax il-koncentrazzjoni ma tkunx hemm. … Is-sintomi jinkludu, gheja, nuqqas ta' koncentrazzjoni, ugigh ta' ras, irritabilita`, nervozizmu, rabja, frustrazzjoni."[28]

14. Xoghol ir-Rikorrent fl-ahhar sentejn tal-impjieg tieghu mas-Socjeta` kien jikkonsisti f'illi jaghmel l-*Attendance and Time Recordings* tal-impjegati, *recordings* illi l-paga tal-impjegati kienet ibbazata fuqhom. Kien jaghmel ukoll il-*filing* tad-*dossiers* tal-impjegati.
15. Ir-riperkussjonijiet tal-indifferenza, traskuragni, negligenza, u inefficjenza tar-Rikorrent fuq xogholu kienu notevoli, ripetuti, ma jaghmlux gieh lis-Socjeta` f'ghajnejn l-impjegati li sofrew differenzi fil-paga, ghalkemm eventwalment tali differenzi kienu jkunu rimburzati mis-Socjeta`, dejqu lill-kollegi tieghu peress illi kienu jsibu l-izbalji u xogholu mhux l-ewwel darba li kellu jsir mis-superjuri tieghu.
16. Ta' dan ikollu jgorr ir-responsabbilta` huwa nnifsu. Ghaliex anki kieku kellek taghder lir-Rikorrent minhabba l-kundizzjoni medika tieghu, xorta r-responsabbilta` ghal dan-nuqqasijiet serji jaqghu fuqu.
17. Is-Socjeta` ssaportiet fuq illi ssaportiet l-attitudni negattiva tar-Rikorrent:

[24] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2018
[25] Pagna 19 tad-Dok. A25 tas-Socjeta`.
[26] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2018
[27] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2019
[28] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2019

17.1. ir-Rikorrent kellu nuqqas ta' produttivita` anki fil-*Purchasing Department*, fejn kien jahdem qabel ma r-Rikorrent kien trasferit ghar-*Reception* – tant illi sahansitra c-*CEO* tas- Socjeta` kien irrimarka tali inefficjenza;[29] l-inefficjenza fil-*Purchasing Dept*, li ma kenitx ta' darba kultant izda kienet ta' spiss, ma kenitx kagunata minn kundizzjoni medika izda mill-fatt illi huwa kien joqghod jikteb il-lirika ta' opri;[30] certament li almenu dak iz-zmien, l-inefficjenza tar-Rikorrent ma kenitx ikkawzata mis-sonnolenza; minflok hadet azzjoni dixxiplinarja s-Socjeta` ttrasferietu biex jaghmel xoghol "tip ta' *Receptionist*".[31]

17.2. gabet persuna minn dipartiment iehor biex taqta' l-*backlog* tax-xoghol tar-Rikorrent; meta r-Rikorrent kien jithalla jahdem wahdu, il-*backlog* kien jerga' jitfacca;

17.3. ippreparatlu metodu li jghinu jelimina l-izbalji izda l-problema ppersistiet;

17.4. meta pprova jiggustifika ghaliex il-*filing* li kellu jaghmel waqa' lura billi qal illi ma kienx hemm fejn iqieghed il-*files*, is-superjur tieghu, is-Sur Visanich, irrimarkalu li seta' jqieghedhom go *cabinet* li kien *available*; ir-Rikorrent ftit li xejn ghamel minn dak il-*filing*[32];

17.5. meta hareg bi hdax -ilgurnata *leave* kien halla *backlo*g ta' erba' xhur ta' applikazzjonijiet ghal *leave*; meta mar lura ghax-xoghol sabu *uptodate* ghax ghamlu xogholu l-kollegi tieghu;

17.6. is-Socjeta` ghamlet illi setghet biex tipprova tiftah ghajnejn ir-Rikorrent; xiehda ta' dan huma n-noti li ma qatghu xejn minn Frar 2014 sa Ottubru 2016;[33]

17.7. minflok ma ressqitu quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina fuq akkuzi fosthom dawk imsemmija f'Kunsiderazzjoni 1.3 ittrasferietu ghar-*Reception*;

17.8. ftit xhur wara talab li jitnehha mir-*Reception* peress illi "bhala rizors ghandi x'naghti"[34]; is-Socjeta` laqghet it-talba;

17.9. ir-Rikorrent ma kienx mghobbi bix-xoghol; xogholu kellu jsir f'mhux aktar minn erba' sighat;[35] kien hemm min jaghmlu f'siegha u tlett kwarti;[36]

17.10. l-izbalji li kien jaghmel ir-Rikorrent kienu jirrizultaw illi l-impjegati koncernati jithallsu hazin[37] jew, fil-kaz tal-*filing* hazin ta' twissijiet ta' dixxiplina, jaffettwa l-process ta' dixxiplina; kien hemm kazi fejn impjegati ttellghu quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina u nstab illi t-twissija ma kenitx waslet ghand l-impjegat koncernat[38];

---

[29] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-1 ta' Frar 2018
[30] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-1 ta' Frar 2018
[31] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-1 ta' Frar 2018
[32] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2018
[33] Dok. A5 sa A8, A10 sa A15, A18, A19, A21 sa A23
[34] Dok. C tas-Socjeta`
[35] Pagna 16 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata
[36] Pagna 16 tad-Dok. A25 tas-Socjeta`
[37] Pagna 11 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata
[38] Pagna 14 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata

17.11. ir-Rikorrent kien jew jinjora l-istedina biex juruh x'ghandu jaghmel[39] jew inkella juri attitudni ta' ndifferenza;[40]

17.12. l-izbalji li kien jiehu r-Rikorrent f'xogholu kienu jkunu regolari u mhux *one-offs*;[41] ir-rapporti li kienu jibaghtulu *clerks* ohrajn biex jirranga l-izbalji tieghu stess gieli jew ma kienx jikkoregihom jew kien ibiddilhom hazin;[42]

17.13. is-Socjeta' Ntimata kienet tkun gustifikata li flok tohrog noti biex tigbed l-attenzjoni tar-Rikorrent li hija ma kienet sodisfatta xejn bil-*performance*, u l-attitudni laxka tieghu, tiehu azzjoni dixxiplinarja; madankollu ppreferiet illi tipprova tiftah ghajnejn ir-Rikorrent.

18. Fid-difiza tieghu quddiem il-*Board* ir-Rikorrent ma kienx lejali mal-fatti; huwa allega li ma nghatax tahrig fl-*Excel*; is-Socjeta` pprezentat lill-*Board* Certifikat ta' Tahrig li kien inghata lir-Rikorrent fil-programm.

19. Ma kenitx kwistjoni li mohh ir-Rikorrent ma jwassalx ghax-xoghol illi nghata, ghaliex huwa kellu diploma b'tezi miktuba minnu.[43],[44]

20. Ghalhekk, fil-kuntest tal-Kunsiderazzjonijiet 1.3 sa 1.6, 3, 8, 15 sa 19, it-Tribunal huwa konvint illi s-Socjeta` ma ghandhiex iggorr ir-responsabbilta' ghall-agir tar-Rikorrent.

21. Huwa r-Rikorrent illi ghandu jassumi r-responsabbilta` ta' ghemilu u tal-ommissjonijiet tieghu. U dan a bazi ta':

21.1. r-*record* industrijali kif jidher f'Kunsiderazzjoni 3;

21.2. is-Socjeta` ghamlet l-almu taghha biex tipperswadi lir-Rikorrent jilhaq il-livell ta' *performance* mistenni mix-xoghol illi taghtu, tali xoghol kien adattat ghalih, anki ghaliex ma setghetx ittih xoghol anqas impenjattiv peress illi meta taghtu dak it-tip ta' xoghol, ir-Rikorrent allega li, "idejqu, jifrustrah, jikkagunali ansjeta`, u tqanqil ta' biza"[45], u trazznet kemm felhet biex ma tohroglux mizuri ta' dixxiplina, kif jidher mill-Kunsiderazzjoni 17, biex tipprova tfiehmu bil-kelma t-tajba;

21.3. il-kundizzjoni medika tieghu kif iccertifikata mill-ispecjalista tieghu ma kenitx ikkagunata mix-xoghol jew mill-post tax-xoghol;[46]

21.4. l-attitudni kapriccuza tar-Rikorrent; ir-Rikorrent tilef *cruise* illi kien ibbukkja peress illi l-*leave* illi applika ghalih[47] kien ikkundizzjonat milli jnehhi x-xoghol b'lura li kien akkumula; dan il-*backlog* baqa' ma nehhiehx u ghalhekk il-*leave* ma setax jiehdu, u tilef il-*booking* tal-*cruise*;

---

[39] Dok. A7 tas-Socjeta` Ntimata

[40] Pagna 8 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata

[41] Pagna 12 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata

[42] Pagna 12 tad-Dok. A25 tas-Socjeta`

[43] Pagna 10 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata

[44] Pagna 15 tad-Dok. A25 tas-Socjeta` Ntimata

[45] Dok. C tas-Socjeta`

[46] Ir-Rikorrent imputa lis-Socjeta` ghall-kundizzjoni medika tieghu; fit-talba ghad-danni huwa nkluda rifuzjoni ta' spejjez rigwardanti t-trattament/testijiet tal-kundizzjoni tieghu: pagna 1 tad-Dok. AB11 tar-Rikorrent

[47] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-1 ta' Frar 2018

21.5. l-indifferenza tieghu kienet tali li affettwat is-*self management* tieghu nnifsu; kien jaf illi taqbdu s-sonnolenza matul il-gurnata u ghamel snin minghajr ma ha l-passi necessarji; allega li t-tabib tieghu kien ighidlu li s-sonnolenza matul il-gurnata kienet ikkawzata mill-piz zejjed tieghu; izda, hlief ghal xi zmien[48], bil-piz zejjed kien u bil-piz zejjed baqa'; iddecieda li jara sew x'jista' jaghmel bis-sitwazzjoni tieghu meta s-Socjeta` gharrfitu li se titlob lill-*Board* tad-Dixxiplina jiddeciedi dwar il-gejjieni tieghu maghha; huwa ssottometta certifikat tas-CPR waqt is-smiegh mill-*Board*;

xehed illi ma jafx kemm kien ilu mas-Socjeta`, jekk hux 15 jew 20 sena![49]

22. Huwa l-obbligu tal-impjegat illi jiehu hsieb sahhtu. Jekk huwa ra li l-kura tat-tabib tieghu ma kenitx effettiva kellu jitolbu biex jidhol aktar fil-fond tal-kawza tal-kundizzjoni tieghu u jitolbu jirreferih ghand specjalista jew inkella kellu jiehu opinjoni medika ohra. Jew inkella, jekk it-tabib tieghu stabbilixxa li l-kawza kienet il-piz zejjed tar-Rikorrent, ir-Rikorrent kellu jnaqqas mill-piz.
23. Is-Socjeta` ma tezistix biex tipprovdi ghajnuna socjali. Tezisti biex tiggenera likwidita` bizzejjed biex tinvesti, tikkompeti nternazzjonalment, u takkwista kuntratti biex tkabbar l-operat taghha. Filwaqt illi hija obbligata, u huwa wkoll fl-interess taghha, li ssostni, b'certu limiti, lill-impjegati taghha fil-mard u meta jkorru, sakemm tali mard u korriment ma jkunux minhabba (a) negligenza kontributorja min-naha tal-impjegat jew (b) sport perikoluz, hija ma tistax tkun obbligata li ssostni mpjegat illi wara li xebghet tiftahlu ghajnejh[50] biex ibiddel l-attitudni tieghu u jiehu nteress f'xogholu, urietu kif ghandu jahdem pass pass, taghtu sena zmien, wara li ssaportiet l-inefficjenza tieghu ghal snin, biex jaghti l-*performance* mistennija, hargitlu twissija finali, issospendietu, u baqa' jaghmel xogholu hazin. L-ebda *employer* ma hu mistenni li jgorr impjegat illi ma jridx ighin lilu nnifsu.
24. Ix-xiehda tar-Rikorrent quddiem it-Tribunal ma kenitx konsistenti. Wara li sema' x-xiehda tal-ispecjalista li qal illi l-*osa,* "jista' jkun tiehu s-snin"[51] r-Rikorrent xehed illi l-kundizzjoni medika kienet ilha fuqu erba' snin[52]. Qabel kien xehed illi kienet ilha fuqu xhur mhux snin.[53] Ukoll, l-ewwel xehed illi l-erba' snin kienu miz-zmien illi tkecca, imbaghad xehed illi kienu matul l-impjieg tieghu mas-Socjeta`.[54] Ukoll, ir-Rikorrent xehed illi c-caqliqa tieghu mill-*Operations Department* ghall-*Administration Department* kienet fuq talba tieghu stess.[55] Imbaghad huwa stess ammetta li kien trasferit mhux ghaliex applika biex imur izda peress illi kien kajman f'xogholu.[56] Dok. C tas-Socjeta`

---

[48] Pagna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020
[49] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020
[50] Ruxxmata noti f'Dok. 25 tas-Socjeta`
[51] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2019
[52] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020
[53] Pagna 11 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-14 ta' Frar 2019
[54] Pagni 2, u 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020
[55] Pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020
[56] Pagna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020

juri ittra li kiteb ir-Rikorrent stess fejn irrefera ghac-caqlieqa tieghu mill-*Operations Department* ghall-*Administration Department* bhala trasferiment moghti minflok mizura dixxiplinarja.

25. Ir-Rikorrent kien fid-dover illi jgharraf lis-superjur tieghu li kienu jigu fuqu b'mod regulari episodji ta' naghas kbir, ghaliex tali kundizzjoni tikkostitwixxi riskju ghas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, kemm ghar-Rikorrent nnifsu kif ukoll ghall-impjegati l-ohra li jkunu nvoluti f'xogholu. Tant hu hekk illi r-Rikorrent xehed quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina li, "darba kellu kaz fejn kien qieghed jigi moghti *instructions* minn *Manager* u f'daqqa wahda waqa'".[57]

**Decizjoni**

Wara li fela r-rikors tas-Sur Aldo Briffa, r-risposta ta' Malta Freeport Terminals Limited, id-dokumentazzjoni kollha kif ukoll il-provi li ngiebu ghall-attenzjoni tat-Tribunal, ix-xiehda kollha kif traskritta, s-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet, u rrifletta sewwa fuq il-Kunsiderazzjonijiet 1 sa 25, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrent minn mas-Socjeta` ma kenitx wahda gusta u ghalhekk jilqa' t-talba tar-Rikorrent li jerga' jiddahhal fl-impjieg bil-kundizzjonijiet i) sa viii) illi jidhru aktar 'il quddiem f'did-Decizjoni. It-tkeccija kienet tkun gusta kieku r-Rikorrent ma kienx ibati mill-*osa*, jew kieku, impjegat bi kwazi sebgha u ghoxrin sena servizz, kien ibati mill-*osa* u minkejja li s-Socjeta` tkun taghtu cans jaghmel it-trattament ta' ftit gimghat, xorta wahda l-*performance* tieghu ma kenitx tkun accettabbli ghas-Socjeta`.

Is-Socjeta` ghandha terga' ddahhal fl-impjieg lir-Rikorrent bil-kundizzjonijiet illi gejjin, u cioe`:

i) l-ispecjalista li ccertifika li r-Rikorrent ibati minn *osa*, Dr Josef Micallef, jiccertifika bil-miktub illi s-Sur Briffa huwa medikament tajjeb biex jaqdi d-dmirijiet tax-xoghol illi s-Socjeta` ttih meta ttih ir-*reinstatement*;
tali certifikat irid ikun f'idejn is-Socjeta` mhux aktar tard minn wiehed u tletin gurnata kalendarja mill-hrug ta' did-Decizjoni;
dal-perjodu jista' jkun estiz fuq talba tar-Rikorrent jekk l-ispecjalista ma jkunx jista' jara lis-Sur Briffa fiz-zmien preskritt ghaliex ikun indispost jew minhabba *force majeure*;
f'kaz illi s-Socjeta` tistabilixxi li Dr Micallef ikun inaccessibbli r-Rikorrent ikun jista' jissottometti c-certifikat minghand *CRP* iehor;
ikun x'ikun il-kaz, il-perjodu sakemm ic-certifikat jasal ghand is-Socjeta` ma jistax jiehu aktar minn mija u erbgha u ghoxrin gurnata kalendarja mill-hrug ta' did-Decizjoni;
jekk ir-Rikorrent ma jfornix lis-Socjeta` certifikat minghand Dr Micallef, jew f'cirkustanzi specjali kif diga` spjegat, specjalista tal-pulmun differenti, fiz-zmien stipulat, jew jekk is-Socjeta` tircievi certifikat minghand specjalista tal-pulmun imqabbad mir-Rikorrent illi s-Sur Briffa ghadu ma rkuprax bizzejjed biex jaghmel ix-xoghol li tqabbdu s-Socjeta` skond kundizzjoni iv) is-Socjeta` ghandha ttemm l-

[57] Pagna 16 tad-Dok. A25

impjieg tar-Rikorrent skond kundizzjoni vi), u dan peress illi c-certifikat ta' Dr Micallef ighid illi r-Rikorrent kellu jirritorna ghan-normal fi ftit gimghat jekk isir it-trattament;

ii) fil-kaz illi c-certifikat rikjest mill-kundizzjoni i) ikun pozittiv, il-paga tar-Rikorrent tibda tghodd mill-gurnata li l-istess certifikat jasal ghand is-Socjeta`;

iii) il-perjodu mill-ghada li tkecca sa lejlet illi jkun *reinstated* jitqies bhala sospensjoni mix-xoghol, bla paga; tali sospensjoni ma tinterrompix it-tul ta' servizz tar-Rikorrent mas-Socjeta`; dis-sospensjoni ghandha titqies bhala mizura dixxiplinarja ghal ragunijiet ta' *record* ta' dixxiplina tas-Sur Briffa, soggetta ghall-kuntratt tal-impjieg/Ftehim Kollettiv li jiggverna l-mizuri dixxiplinarji tas-Socjeta`;

iv) ir-*reinstatement* ikun fil-grad illi r-Rikorrent kien fih meta tkecca; jekk tali grad ma ghadux jezisti, ir-Rikorrent ghandu jinghata xoghol ekwivalenti bl-istess termini u kundizzjonijiet ta' mpieg jew , jekk ikun il-kaz, kif ikun iddevolva tali grad;

v) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg ikunu skont dawk illi jkunu japplikaw ghax-xoghol illi fih is-Sur Briffa jkun se jahdem hekk kif jigi *reinstated*;

vi) peress illi l-ispecjalista, Dr Micallef, iccertifika li r-Rikorrent kellu jigi ghan-normal jekk ir-Rikorrent jaghmel it-trattament illi ssuggerielu Dr Micallef, is-Sur Briffa ma jistax validament igib il-kundizzjoni tal-*osa* bhala raguni ghal nuqqas jew nuqqasijiet illi jikkommetti minn meta jkun *reinstated* 'il quddiem; jekk huwa jgib tali raguni biex jiggustifika n-nuqqas jew nuqqasijiet f'xogholu, is-Socjeta` tkun hielsa li titterminalu l-impjieg tieghu minn maghha peress illi huwa ma jkunx baqa' idoneu ghall-impjieg mas-Socjeta`; fil-kaz illi titterminalu l-impjieg minhabba kundizzjoni medika s-Socjeta`, fil-*letter of reference* li taghti lir-Rikorrent, jekk din l-ittra tintalab mis-Sur Briffa, ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrent ma tkunx dik ta' tkeccija dixxiplinarja izda ta' terminazzjoni ta' mpjieg minhabba illi l-kundizzjoni medika tas-Sur Briffa tkun impedietu milli jesegwixxi l-funzjonijiet tax-xoghol mas-Socjeta`;

vii) is-Socjeta` ghandha tikseb taghrif ufficcjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali biex tara x'sehem tkun trid thallas bhala s-sehem taghha, jekk ikun il-kaz, ghal kontribuzzjonijiet ghas-Sigurta' Socjali rigward dawn is-sentejn ta' sospensjoni bla hlas, liema sentejn jiffurmaw parti mis-servizz tal-impjieg tar-Rikorrent mas-Socjeta`, biex jekk jista' jkun il-pensjoni tal-irtirar tar-Rikorrent ma tkunx affettwata;

viii) jekk xi wahda jew parti minn wahda ta' dawn il-kundizzjonijiet ma tkunx onorata mis-Sur Briffa, is-Socjeta` tkun hielsa li tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha fil-konfront tar-Rikorrent, inkluza t-tkeccija tieghu.

Filwaqt illi t-Tribunal jilqa' t-talba specifika biex ir-Rikorrent jerga' jidhol fl-impjieg, ma jilqax it-talba ghal kumpens. In-nuqqasijiet tar-Rikorrent kienu serji u s-Socjeta` ghandha tinghata l-kreditu talli trazznet u sostniet b'mod straordinarju lir-Rikorrent anki billi qiegheditu f'xoghol fejn kien qed jithallas ta' gurnata ta' tminn sighat filwaqt illi kienet qed tistenna minghandu mhux aktar minn erba' sighat, u dan minghajr ma kienet taf bil-kundizzjoni medika tar-Rikorrent.

Ir-responsabbilta` tal-*performance*, tal-agir, u tal-attitudni tar-Rikorrent hija tar-Rikorrent u ghandu jgorrha. Il-kundizzjoni li kien qed ibati minnha r-Rikorrent kienet tattenwa izda mhux thassar ir-responsabbilta` tan-nuqqasijiet gravi tieghu fuq ix-xoghol.

Fl-istess hin, it-Tribunal josserva li l-Artiklu 81 (2) (a) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi, "… f'kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impieg …, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impjieg … , it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens …." Jirrizulta minn dan illi t-Tribunal mhux mistenni li jdahhal lura lir-Rikorrent fl-impjieg kif ukoll itih kumpens monetarju.

Ghall-finijiet tal-Avviz 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jithallas mis-socjeta` ntimata.

Ghall-iskopijiet tal-Artiklu 87 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dal-Kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm dil-Kwistjoni tax-Xoghol.

**(iffirmat)**

Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju